IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.7.2017
COM(2017) 396 final

2017/0172 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill Konġunt CARIFORUM-UE tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, min-naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emenda tal-Anness IX tal-Protokoll I: Pajjiżi u territorji extra-Ewropej

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IS-SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Konġunt CARIFORUM-UE tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' Deċiżjoni li temenda l-Anness IX tal-Protokoll I ta' dak il-Ftehim dwar il-Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra

Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") għandu l-għan li jikkontribwixxi għat-tnaqqis u l-qerda eventwali tal-faqar permezz tat-twaqqif ta' sħubija kummerċjali li tkun konsistenti mal-objettiv ta' żvilupp sostenibbli, il-Miri ta' Żvilupp tal-Millennju u l-Ftehim ta' Cotonou.

Il-Ftehim ġie ffirmat fil-15 ta' Ottubru 2008, u mid-29 ta' Diċembru 2008 ġie applikat provviżjorjament.

2.2. Il-Kunsill Konġunt CARIFORUM-UE

Il-Kunsill Konġunt CARIFORUM-UE b'mod ġenerali għandu jkun responsabbli għat-tħaddim u għall-implimentazzjoni tal-Ftehim u għandu jagħmel monitoraġġ tat-twettiq tal-objettivi tiegħu. Huwa jiltaqa' f'livell ministerjali f'intervalli regolari, li ma jaqbżux il-perjodu ta' sentejn. Sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' dan il-Ftehim, huwa għandu jkollu s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet rigward il-kwistjonijiet kollha koperti minn dan il-Ftehim. Id-deċiżjonijiet li jittieħdu għandhom jorbtu lill-Partijiet u lill-Istati Firmatarji tal-CARIFORUM, li għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jimplimentawhom b'konformità mar-regoli interni ta' kull Parti u ta' kull Stat Firmatarju tal-CARIFORUM.

2.3. L-Att previst dwar il-Kunsill Konġunt CARIFORUM-UE

Fis-17 ta' Novembru 2017 waqt ir-raba' laqgħa tiegħu, il-Kunsill Konġunt CARIFORUM-UE se jadotta Deċiżjoni li tikkonċerna l-emenda tal-Anness IX tal-Protokoll I li jinkludi l-lista ta' Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej (Overseas Countries and Territories - OCTs) ("l-Att previst").

L-għan tal-Att previst huwa li jiġi żgurat li l-lista ta' OCTs fl-Anness IX tal-Protokoll I tal-Ftehim tiġi aġġornata u armonizzata mal-Anness II tat-TFUE, b'kunsiderazzjoni għat-tibdil fl-istatus ta' tliet territorji fil-lista.

Saint Barthélemy (FR) sar OCT assoċjat mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2012. Mayotte (FR) sar Reġjun Ultraperiferiku tal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2014. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE dwar l-assoċjazzjoni tal-OCTs mal-Komunità Ewropea, li tapplika

għall-OCTs elenkati fl-Anness II tat-TFUE ukoll daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014. Il-lista ta' OCTs fl-Anness IX tal-Protokoll I tal-Ftehim jinħtieġ għalhekk tiġi aġġornata skont dan.

L-Att previst għandu jsir vinkolanti fuq il-partijiet skont l-Artikolu 229 il-paragrafi 1 u 2 tal-Ftehim.

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TIĠI ADOTTATA F'ISEM L-UNJONI EWROPEA

Il-Ftehim ġie ffirmat fil-15 ta' Ottubru 2008, u mid-29 ta' Diċembru 2008 qed jiġi applikat provviżjorjament.

Il-proposta dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni għandha l-għan li tagħmel l-Att previst vinkolanti.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f' isem l-Unjoni f'sede stabbilita bi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim."

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

Il-Kunsill Konġunt CARIFORUM-UE huwa sede stabbilita permezz tal-Ftehim.

L-att li l-Kunsill Konġunt CARIFORUM-UE jissejjaħ biex jadotta jikkostitwixxi att li għandu effetti legali. L-att previst se jkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali b'konformità mal-Artikolu 229 il-paragrafi 1 u 2, tal-Ftehim.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta, għalhekk, hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE tiddependi primarjament fuq l-objettiv u l-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tiġi adottata pożizzjoni f'isem l-Unjoni.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst jirrelataw mal-politika kummerċjali komuni.

Il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta, għalhekk, hija l-Artikolu 207 TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta jinħtieġ li tkun l-Artikolu 207 flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

2017/0172 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill Konġunt CARIFORUM-UE tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, min-naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emenda tal-Anness IX tal-Protokoll I: Pajjiżi u territorji extra-Ewropej

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra[1] ("il-Ftehim"), ġie ffirmat fil-15 ta' Ottubru 2008, u mid-29 ta' Diċembru 2008 ġie applikat provviżjorjament.

(2) Skont l-Artikolu 229 il-paragrafi 1 u 2 tal-Ftehim, il-Kunsill Konġunt CARIFORUM-UE jista' jadotta deċiżjonijiet li jkunu vinkolanti fuq il-Partijiet u fuq l-Istati Firmatarji tal-CARIFORUM, li għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jimplimentawhom skont ir-regoli interni ta' kull Parti u ta' kull Stat Firmatarju tal-CARIFORUM.

(3) Il-Kunsill Konġunt CARIFORUM-UE matul ir-raba' laqgħa tiegħu fis-17 ta' Novembru 2017 se jadotta deċiżjoni dwar l-emenda tal-Anness IX tal-Protokoll I li jinkludi l-lista ta' Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej (OCTs).

(4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Konġunt CARIFORUM-UE, peress li d-deċiżjoni se tkun vinkolanti fuq l-Unjoni.

(5) Il-proposta mehmuża għal Deċiżjoni tal-Kunsill tikkostitwixxi strument legali għall-emenda tal-Anness IX tal-Protokoll I tal-Ftehim. L-għan ta' din l-emenda huwa li tiġi żgurata preżentazzjoni armonizzata u aġġornata tal-lista tal-Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej fl-Anness IX tal-Protokoll I tal-Ftehim mal-Anness II tat-TFUE, b'kunsiderazzjoni għat-tibdil fl-istatus ta' tliet territorji.

[1] ĠU L 289, 30.10.2008, p. 3.

(6) Peress li l-Att dwar il-Kunsill Konġunt CARIFORUM-UE se jemenda l-Anness IX tal-Protokoll I tal-Ftehim, huwa xieraq li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tiegħu.

(7) Fil-Kunsill Konġunt CARIFORUM-UE, l-Unjoni se tkun rappreżentata mill-Kummissjoni b'konformità mal-Artikolu 17(1) TUE. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw il-pożizzjoni tal-Unjoni b'konformità mal-Artikolu 4(3) TUE.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fir-raba' laqgħa tal-Kunsill Konġunt CARIFORUM-UE fis-17 ta' Novembru 2017 għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt CARIFORUM-UE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President